Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 8/2018

**Baskal Sciberras (appellat)**

**Vs**

**Elmo Insurance Limited (appellanti)**

12 ta' Novembru, 2019.

1. B'deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2018 it-Tribunal tal-Arbitraġġ laqa' t-talba tal-attur (arbitraġġ numru: 3753/2013) u kkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta' dsatax-il elf u ħames mitt ewro (€19,500) bl-imgħax mill-5 ta' Settembru, 2013. Il-każ hu dwar danni li sofra l-attur fil-vettura f'inċident tat-traffiku li seħħa fis-16 ta' Mejju, 2013. L-attur ħarrek lill-kumpannija ta' assikurazzjoni li fl-10 ta' Mejju, 2013 kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni comprehensive fuq il-vettura BMW 530D.

2. Dwar il-meritu t-Tribunal għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

> *"Ma jidhirx li s-socjeta intimata tmeri lir-rikorrenti li huwa seta' kellu dawl gejj mill-faccata li seta' ghamih u li seta' geghlu jigbed lejn ix-xellug tieghu meta imbaghad sab il-hajt u gara li gara.*
>
> *L-assigurazzjoni tissottometti illi bil-fatt li ma kienx hemm debris ta' hgieg fejn suppost gara l-incident juri li l-incident gara post iehor. Fil-fatt ir-rikorrenti qatt ma allega illi il-hgieg taz-zewg bibien tax-xellug tfarrku b'rizultat tal-impatt. Lanqas ma jallega li il-fanal tax-xellug tkisser b'mod li il-hgieg inkisirlu. Il-probabilita hija li hekk gara u cioe inkiser il-fanal pero li hu zgur hu li l-bozza ma inkissritx ghax baqghet tixghel. Jekk il-fanal tfarrak il-hgieg tieghu mhux necessarjament tferrex mal-art kollu kemm hu, ghax parti minnu facilment seta' baqa' go l-istess fanal. Inoltre pero` huwa ovvju illi fanal ma jistax ihalli hafna hgieg ghax minnu innifsu huwa haga zghira a paragun ta' hgieg ta' bieba.*
>
> *Mis-survey report esebit u markat bhala Dok "CC" jidher li l-vettura in kwistjoni sofriet hsarat konsiderevolissimi pero` ma jidhirx li kien hemm xi ksur partikolari ta' hgieg.*

*L-assigurazzjoni tkompli tghid illi il-gebel li instab mal-magna ma kienx jaqbel mal-gebel tal-post fejn gara l-incident. Din l-allegazzjoni saret mill-persuna inkarigata mill-assigurazzjoni. Ma giex pruvat xi kwalifiki ghandha tali persuna biex tista' tasserixxi konkretament illi il-gebel kien wiehed differenti.*

*Ix-xhud jghid li kien evidenti hafna li dan il-gebel kien differenti. Jekk kien daqstant evidenti, l-arbitru jistaqsi x'kien josta lill-istess assigurazzjoni milli tqabbad perit biex jezamina l-istess zewg kwalitajiet ta' gebel sabiex, sia pure ex parte, izda ikollha prova xjentifika illi l-istess asserzjoni taghha tkun pruvata? L-assigurazzjoni, tajjeb jew hazin, ma ghazlitx li tiehu din it-triq u ghazlet li toghod biss fuq il-konkluzjonijiet tas-surveyor taghha, Peter Bonnici.*

*Bil-fatt li kien is-surveyor tal-assigurazzjoni ma jbiddel xejn mill-kredibilita tieghu o meno. Ma jkunx anqas jew aktar emnut ghax huwa impjegat ma' wahda mill-partijiet.*

*Izda bir-rispett kollu dovut lejn l-istess surveyor dan la huwa bennej, la huwa perit u certament mhux kwalifikat biex jezamina gebel u jaghraf gebel minn iehor. Wisq anqas huwa l-arbitru espert f'dan il-qasam. Kien jispetta lill-assigurazzjoni, li qed tallega fatt, li iggib l-ahjar prova f'dan ir-rigward. Dan l-assigurazzjoni naqset milli taghmel. L-assigurazzjoni kienet taf, sa mill-bidu nett li din l-allegazzjoni kienet sejra tkun wahda mill-punti krucjali tad-difiza taghha, izda ghazlet li ma taghmel xejn u tistrih biss fuq is-surveyor, kif gia` inghad.*

*Ghalhekk in mancanza ta' prova xjentifika f'dan il-qasam, l-arbitru ma jistax jaccetta tali sottomissjoni bhala li tesisti prova konkreta f'dan ir-rigward.*

*L-istess jista' jinghad ghal dak sottomess mill-assigurazzjoni dwar it-tqaccit tar-rota ta' quddiem. L-assigurazzjoni tissottmetti illi ir-rikorrenti naqas milli jindirizza dan il-punt u cioe li tali tqaccit huwa inkompatibbli ma'daqqa li setghet hadet ir-rota f'xi hofra u mhux ma' tkaxkira ma' hajt. Bir-rispett kollu kien dover tal-assigurazzjoni li turi li il-mod kif tqacctet ir-rota ma setax jkun kompatibbli mat-tip ta' daqqa mal-hajt kif jallega li gara ir-rikorrenti. Hija is-socjeta assiguratrici li qed tallega li l-affarijiet ma grawx kif qal ir-rikorrenti u allura kien jinkombi fuqha l-oneru tal-prova.*

*Dak li xehed ir-rikorrenti quddiem l-arbitru jattalja perfettament ma' dak li huwa rapportat li qal lis-surgent fil-mument tal-habta u kwindi l-arbitru ma ghandu ebda dritt li jiddubita mill-veracita`/kredibilita` tal-verzjoni tieghu – li del resto ghandha ukoll mill-verita' u cioe huwa possibilissimu li l-affarijjiet graw kif xehdhom ir-rikorrenti.*

*Huwa fatt illi gie allegat illi kien hemm kulur orangjo/ahdar fuq il-fanal tax-xellug tal-vettura in kwistjoni izda din l-allegazzjoni baqghet fir-relm tal-allegazzjonijiet ghax ghajr ghal min allegaha hadd ma gie mistoqsi dwarha. Per ezempju ir-rikorrenti ma giex rinfaccat b'din l-allegazzjoni. Lanqas ma gew ix-xhieda Magri jew is-surgent tal-puzlija rinfaccati b'tali allegazzjoni. Jekk dan il-fatt kien jesisti, kien jispetta li is-socjeta intimata tipprovaha. Huwa fatt li jekk kien hemm dan il-kulur dan il-fattur huwa inspjegabbli anke ghall-arbitru.*

*Is-socjeta intimata tallega illi huwa inspjegabbli kif harget l-airbag tax-xellug tal-vettura in kwistjoni meta, skond ma xehed ir-rikorrenti innifsu ghal aktar minn darba, ma kienx*

*hemm passiggier mieghu. Gie allegat ukoll illi l-airbag tal-imsemmija vettura jista' johrog biss jekk ikun hemm passiggier fuq is-seat.*

*Anke hawn jidher li is-socjeta intimata strahet fuq wiehed mix-xhieda taghha. Is-socjeta intimata messet ressqet imqar intructions book tal-vettura, biex ma jinghadx li messha ressqet il-head mechanic tal-BMW, fejn jkun mistqarr fiha, awtorevolment, li l-airbag minghajr passiggier ma tistax tohrog. Din il-prova ma saritx.*

*Ir-rikorrenti jammetti li kien hemm diskrepanza ta' dsatax-il kilometru fuq l-arlogg tal-vettur bejn meta gara l-incident ghal meta giet ezaminata il-vettura. Huwa spjega li din id-diskrepanza giet kawzata mill-fatt illi il-vettura in kwistjoni giet irmunkata minn fejn gara l-incident ghal fejn giet irmonkata l-istess vettura ossija minn Triq Stabal f'Hal Qormi ghal ghand Triq l-Imnarja fil-Buskett ghand ir-Ringo Garage. Irrizulta ukoll illi anke meta il-vettura tkun irmonkata, la darba ghaddejja fuq ir-roti ta' wara, allura l-arlogg jimmarka. Id-distanza bejn l-istess lokalitajiet ma hijiex ta' dsatax-il kilometru izda hija biss ta' tnax-il kilometru skond ma jirrizulta mill-google maps riferuti mis-socjeta intimata. Hemm ghalhekk diskrepanza ta' seba' kilometri.*

*Ir-rikorrenti ma kienx kapaci jispjega mnejn u fejn saru dawn is-seba' kilometri. Hawn kien jispetta lir-rikorrenti li jaghti spjegazzjoni cara u inekwivoka ta' kif setghet il-vettura, imfarrka u li suppost ma setghetx tinstaq, skond ma jghid huwa stess, xorta wahda irregistrat distanza li tkopri seba' kilometri ohra.*

*Ma hemmx dubbju illi kif sewwa gie sottomess mis-socjeta assiguratrici ir-rikorrenti, bhala assigurat, kellu jkollu idejh nodfa tazza biex jista' jipprezenta claim kontra l-assigurazzjoni tieghu. Lanqas ma wiehed jista' jiddubita mill-veracita` tal-fatti skond kif jixhidhom min qed jallegahom.*

*Illi kif jghid Bird " a claim is fraudulent if an otherwise honest claim is supported by fraudulent devices namely any lie, directly related to the claim………which is intended to prove the insured's prospects of obtaining a settlement or winning the case, and which would, if believed, tend objectively……..to yield a not insignificant improvement in the insured's prospects."*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Rizzo vs John Formosa nomine"** decisa mill-Prim'Aula tal-Qorti Civili fil-03 ta' Ottubru 2002, gie ritenut illi "li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt uberrimae fidei huwa principju accettat mill-awturi u l-gurisprudenza kollha in materja. Kuntratt t'assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz."*

*Illi il-principju ta' uberrimae fides ma japplikax biss fil-bidu tat-trattattivi ta' bejn il-partijiet u cioe sakemm tinfetah il-polza izda dan il-principju jibqa' japplika tul il-kors tal-kuntratt u kif ukoll, biex ma jinghadx specjalment, meta wiehed jasal biex jaghmel claim kontra l-assigurazzjoni.*

*Illi sabiex tkun qed issir gustizzja mal-partijiet l-arbitru irid jkun konvint illi attwalment l-affarijiet graw skond ma kien qieghed jghid ir-rikorrenti. Filwaqt illi huwa vera illi fil-kaz in ezami kien jispetta lis-socjeta intimata li tipprova li attwalment kien hemm agir frawdolenti da parte tal-assigurat taghha, izda ir-rikorrenti ma hux esenti minn kull tip*

*ta' prova. Wara kollox huwa hu li qed jippretendi li ghandu kuntratt ta' assigurazzjoni li abbazi tieghu, huwa intitolat li jigi risarcit tal-hsara li huwa jallega li baghta.*

*Meta wiehed iqies il-hsarat riportati fil-vettura tar-rikorrenti, skond kif elenkati fid-dokument "CC" esebit mir-rappresentant tas-socjeta Elmo isegwi illi il-vettura tar-rikorrenti ma setghetx tinstaq wara l-habta. Il-kondizzjoni taghha kienet tali li ma tippermettiex li setghet tinstaq. Huwa minnu illi jirrizulta li hemm diskrepanza zghira fil-recording tal-mileage, izda tali diskrepanza ma tistax twassal lill-arbitru li jiddubita illi il-kollizzjoni grat u li grat bil-konsegwenzi li qed jigu reklamati.*

*Ma jidhirx li il-kollizzjoni grat f'xi post iehor u li allura il-vettura ittiehdet fil-lokalita tal-incident wara il-habta mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qed jallega u ikkonferma bil-gurament illi habat fil-lok fejn instab mill-pulizija.*

*L-arbitru jifhem li l-allegazzjoni tas-socjeta intimata tidher li hija, kwazi kwazi, li l-vettura habtet post iehor u ingabet fuq il-post fejn instabet mill-pulizija wara il-habta. Fil-waqt li huwa possibbli li l-affarijiet graw b'dan il-mod - fid-dinja ma hemm xejn li ma hux possibbli - izda il-gudikant irid joqghod mhux fuq dak li huwa possibbli izda fuq dak li huwa probabbli. Mhux biss izda min jallega irid jipprova li il-fatti graw kif qed jigu allegati.*

*Kien ghalhekk jispetta lis-socjeta intimata li tipprova l-allegazzjonijiet taghha – dan jidher li ma sehhx sodisfacentement minnha.*

*Ghalhekk in mancanza ta' prova kuntrarja, jew almenu ukoll in mancanza ta' indizji li l-affarjiet imqar setghu graw xort'ohra, l-arbitru ma ghandux triq ohra ghajr li jaccetta il-verzjoni tal-fatti kif probabilment graw. L-arbitru ghalhekk jaccetta li il-habta grat fejn il-pulizija sabu l-vettura mahbuta.*

3. Il-konvenuta appellat. L-aggravju prinċipali hu kritika għall-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal. Il-konvenuta ssostni li ressqet biżżejjed provi li kellhom iwasslu lit-Tribunal għall-konklużjoni li l-allegat inċident tat-traffiku ma seħħx bil-mod kif spjega l-attur. F'dan ir-rigward il-konvenuta għamlet riferenza għal dawn il-provi:-

    i. Ma nstabux *debris* fil-post fejn allegatament seħħ l-inċident;
    ii. Il-ġebel li nstab fil-magna tal-vettura ma jaqbilx mal-ġebel tal-ħajt li l-attur allega li miegħu seħħ l-impatt;
    iii. Il-fatt li r-rota ta' quddiem tqaċtet m'huwiex kompatibbli mal-inċident li ddeskriva l-attur;
    iv. Iż-żebgħa oranġjo mal-fanal tal-vettura meta mal-ħajt m'hemmx żebgħa kulur oranġjo;

v. Fil-vettura kien hemm recorded kilometraġġ li kien recorded wara li seħħ l-allegat inċident. Il-ħsara li kien hemm fl-airbags u crash activator kienu jirriżultaw dsatax-il kilometru qabel l-aħħar qari tal-kilometraġġ tal-vettura;

4. Għaldaqstant, argumentat li kien *"evidenti li l-Arbitru naqas milli jagħti evalwazzjoni xierqa u ġusta taċ-ċirkostanzi u l-provi prodotti"*.

5. Aggravju ieħor hu dwar is-somma ta' dsatax-il elf ħames mitt ewro (€19,500) li t-Tribunal ikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur.

6. Permezz ta' tweġiba preżentata fit-8 ta' Frar, 2018 l-attur ta r-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell.

7. Il-konvenuta qegħda ssostni li l-vettura kienet involuta f'inċident ieħor jew oħrajn għaliex in-natura tal-ħsara estensiva li ġarrbet il-vettura mhijiex kompatibbli mal-inċident li ddeskriva l-attur. Kompliet li dak li kellha tagħti prova tiegħu l-konvenuta kien li l-vettura tal-attur, *"... fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, kienet involuta f'inċident, jew f'inċidenti oħrajn, u li ma jirriżultax in-ness kawżattiv bejn l-fattispecjie kif deskritti, mill-attur appellat, u d-danni reklamati"*.

8. L-azzjoni tal-attur hi bażata fuq ir-relazzjoni kuntrattwali li kellu mal-konvenuta li magħha kienet assigurata l-vettura BMW VX59HVT fid-data tal-inċident. L-ilment tiegħu hu, *"Illi abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva bejn il-partijiet, ir-rikorrenti għamel claim mal-intimata in konnessjoni mad-danni u spejjeż relattivi, iżda nonostante interpellazzjonijiet, l-intimata baqgħet ma ħallstix"* (ara l-avviż tal-arbitraġġ li ppreżenta r-rikorrent).

9. It-tilwima ma kinitx waħda li tikkwalifika għall-arbitaġġ mandatorju skont paragrafu 1.2 ta' Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387). Għalhekk għandu raġun il-konvenut li jsostni li l-jedd tal-appell hu biss fuq punti

ta' liġi (artikolu 70A tal-Kap. 387). Minn dik id-disposizzjoni u l-artikolu 70B u wkoll evidenti li mhux kull punt ta' liġi jista' jsir appell dwaru.

10. Il-konvenuta ma kellhiex jedd tappella fuq punti ta' fatt. L-ilment tal-konvenuta mhu xejn għajr kritika dwar l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal tal-Arbitraġġ u xejn iktar. L-appell irid ikun fuq deċiżjoni dwar punt ta' liġi li ddeċieda dwar it-Tribunal jew fuq punt ta' liġi li naqas milli jiddeċiedi. Pero' l-ilment tal-konvenuta hu li t-Tribunal m'għamilx evalwazzjoni xierqa u ġusta tal-provi. Ilment li m'għandu x'jaqsam xejn mal-punt ta' liġi li jitnissel mid-deċiżjoni tat-Tribunal u l-interpretazzjoni korretta li kellha tingħata (ara wkoll artikolu 70B tal-Kap. 387).

11. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel ukoll riferenza għal żewġ sentenzi ta' din il-qorti li spjegaw b'mod ċar dwar fuq x'hiex jista' jsir appell:

i. **Tarsons Limited vs Capita Developments Limited et** tal-25 ta' Ġunju, 2010:

*"Qabel kull konsiderazzjoni ohra huwa necessarju li jigi bi preliminari sottolinejat illi skond il-previzjoni normattiva fl- Artikolu 70A ta' l-Att dwar l-Arbitragg biex l-appell tas-sokkombenti lil din il-Qorti jkun ammissibbli dan ghandu jikkontjeni "punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali", tant li hu imperattiv fuq l-appellanti li "jidentifika l-punt ta' ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t- tifsira li r-rikorrenti jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat" [Artikolu 70B (1), Kapitolu 387]. Dan qieghed jigi hekk rilevat ghaliex mhux dak kollu li jigi sottomess b'ilment jaspira bilfors ruhu ghall-punt ta' ligi, u, anzi, il-Qorti trid toqghod ferm attenta li l-punt ta' ligi allegat ma jkunx semplici pretest biex jigi introdott ilment dwar l-apprezzament tal-fatti ghaliex fuq hekk din il-Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni. Ghall-precizazzjoni, jokkorri jigi puntwalizzat mill-bidunett illi x'fehmu jew x'setghu fehmu jew x'messhom fehmu l-Arbitri fir-rigward tal-provi akkwiziti fuq il-punt kontrovers ma huwiex punt ta' ligi imma punt ta' fatt li din il-Qorti ta' revizjoni f'din is-sede ma tiddholx fihom. B'mod generali dan jolqot il-kwazi totalita` ta' l-ilmenti sottoposti lilha b'dan l-appell;"*

ii. **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil** tas-7 ta' Mejju, 2010:

*"Huwa opportun li jigi qabel xejn premess illi skond it-termini ta' l-Artikolu 70A (1) tal-Kapitolu 387 parti sokkombenti fil-gudizzju quddiem l-Arbitru tista' tappella lil din il-Qorti ta' revizjoni "fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali". Mhux dan biss pero` ghaliex l-appellanti hu wkoll mghobbi bl-oneru li jidentifika l-punt tal-ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu u ghandu jispecifika wkoll t-tifsira li hu jallega li hi t-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat [Artikolu 70B (1)]. Kif drabi ohra rilevat minn din l-istess Qorti "certament mhux sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli, formulata b'prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u allura izjed favorevoli, minn dik ta' l-Arbitru. Dan ghaliex talba konsimili ma tistax hlief titraduci ruhha in sostanza*

*f'rikjesta ex novo tal- valutazzjoni tal-fatti, u dan huwa inammissibbli". Ara "**Stanley Spiteri -vs- Eileen Bonett**", 4 ta' Ottubru, 2006, u "**Gasan Mamo Insurance Limited et -vs- Naomi Grima Enriquez**", 15 ta' Novembru, 2006".*

12. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta ma identifikat l-ebda punt ta' liġi li fuqu ttieħdet id-deċiżjoni u t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat (ara artikolu 70B tal-Kap. 387).

13. Madankollu l-qorti xorta ser tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-argumenti li għamlet il-konvenuta, u li a bażi tagħhom qegħda ssostni li għandhom iwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li d-deċiżjoni tat-Tribunal hi manifestament żbaljata.

14. Dwar it-teżi li **fil-post fejn seħħ l-inċident ma kienx hemm fdalijiet tal-vettura**, il-konvenuta għamlet riferenza għall-erba' ritratti li ppreżenta s-surġent tal-pulizija 772 Dennis Agius li mar fuq il-post. L-ewwel tlett ritratti juru l-vettura wieqfa mal-ħajt. Ix-xhud xehed, "*Meta eżaminajt il-lokalita' tal-inċident wasalt għall-konklużjoni li l-vettura, wara li daħlet fil-ħajt, **imxiet titħaxken** mal-istess ħajt għal distanza ta' ċirka żewġ vetturi*". Għalhekk jekk waqgħu *parts* mill-vettura mhux bilfors li waqgħu fil-post fejn tidher il-vettura fir-ritratti. Dan apparti li ritratti li ttieħdu fid-dlam u għalhekk m'humiex daqstant ċari. Inoltre', ma jurux il-parti tat-triq mal-ħajt.

15. Fir-rigward tal-argument li **l-ġebel li nstab taħt il-bonnet ma jaqbilx mal-ġebel tal-ħajt li miegħu suppost seħħ l-impatt**, bażat fuq dak li xehed Peter Bonnici, il-prova li l-konvenuta pprovat tagħmel fl-istadju tal-appell bir-rapport ġuramentat tal-perit Marc Vincent Spiteri, m'hijiex ammissibbli. Prova li kieku riedet il-konvenuta kellha kull opportunita' li tressaq waqt li kienu qegħdin jinġabru l-provi quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ. L-Artikolu 145 tal-Kap. 12 m'għandux jiġi applikat b'mod li fi stadju tal-appell jerġa jinfetaħ beraħ il-ġbir tal-provi. F'dan il-każ ma kien hemm xejn x'iżomm lill-konvenuta milli quddiem it-Tribunal tagħmel il-prova teknika li qegħda tipprova tagħmel illum. Għalkemm fid-deċiżjoni t-Tribunal semma li l-konvenuta ma ressqitx parir ta'

perit dwar din il-materja, ma jfissirx li l-konvenuta ġiet sorpriża. Ix-xhud Peter Bonnici hu *surveyor* tal-vetturi, u ma jirriżultax li għandu xi *expertise* fil-ġebla Maltija. Għaldaqstant it-Tribunal kellu kull dritt li ma joqgħodx fuq dak li xehed Bonnici dwar il-ġebel li kien hemm taħt il-*bonnet* tal-vettura. Dan apparti li r-rapport tal-perit Spiteri hu ekwivalenti għall-affidavit għaliex l-awtur tiegħu ikkonfermah bil-ġurament (ara fol. 14). L-artikolu 145 tal-Kap. 12 japplika għal dokumenti u mhux xhieda.

16. Peter Bonnici xehed, *"id-debris li kien hemm mal-point of impact kien qoxra ta' franka u meta jien mort fuq il-post sibt li l-ħajt ma kienx qoxra ta' franka iżda biss ġebla tal-franka"*. Il-qorti ma tistax tgħid x'kellu f'moħħu x-xhud meta għamel distinzjoni bejn ġebla tal-franka u qoxra tal-franka. Il-biċtejn ġebel li kienu preżentati bħala prova, huma ġebel tal-franka u mir-ritratti eżebiti jidher li l-ħajt kien mibni minn ġebel tal-franka. Għalkemm fir-rikors tal-appell issemma wkoll il-kulur tal-ġebel, dik ma kinitx osservazzjoni li għamel ix-xhud Bonnici. Saret ukoll riferenza għal dak li xehed Anthony Cauchi, *general manager* ta' Elmo Insurance Limited, li: *"Bonnici ma nafx li għandu xi kwalifika fil-ġebel* ***iżda d-diskrepanza kienet tant evidenti li kienet self-explanatory****"*. Ma jirriżultax li x-xhud mar fuq il-post fejn ġara l-inċident, apparti li l-konklużjoni tiegħu tidher li hi bażata fuq dak li qallu Bonnici.

17. Skont il-konvenuta il-fatt li **tqaċċtet ir-rota ta' quddiem** mhuwiex kompatibbli ma' kif seħħ l-inċident allegat mill-attur. Hu veru li s-surveyor Peter Bonnici qal li, *"Is-suspension strut tax-xellug kien fil-luggage boot.... Dan huwa mgħawweġ min-naħa t'isfel... it-tagħwiġa tagħha kienet indika li kienet laqtgħet ma' bankina jew gandott jew xi ħaġa simili iżda mhux ma' ħajt"*. Pero' ma spjegax ruħu kif wasal għal dik il-konklużjoni. Dan iktar u iktar meta tqies li waqt il-proċeduri tal-arbitraġġ lanqas ma ġie identifikat il-post eżatt fejn seħħ l-inċident. Hekk per eżempju:-

i. Fir-rapport tal-pulizija jingħad li l-inċident seħħ fi Triq l-Istabal mentri li fil-parti *'Landmark'* hemm stampat il-kliem *'ħdejn il-farm tal-gvern'*. Ma

jirriżultax li fejn hemm *'il-farm tal-gvern'*, li l-qorti qegħda tifhem li hu l-Għammieri, hemm triq b'dik l-isem.

ii. Il-konvenuta ssostni li l-inċident seħħ fi Triq l-Ingiered. Pero' m'huwiex ċar fejn. Mid-deposizzjoni stess ta' Bonnici hu evidenti li ma kienx jaf f'liema parti ta' dik it-triq seħħ l-inċident.

iii. Melvyn Magri xehed li kien ċempillu l-attur. Kompla, *"Jien sibtu tul ta' xi żewġ karozzi wara t-tondjatura hekk kif tabqeż sew iċ-ċimiterju tat-Torok kif ukoll l-Edible Oil Factory"*. Pero' dawk iż-żewġ postijiet qegħdin fi Triq il-Marsa u mhux l-Ingiered.

iv. In kontro-eżami l-attur xehed, *"kont wasalt fl-aħħar kisra kif ser taqbad il-farm tal-gvern"*.

18. Għall-raġunijiet li taf il-konvenuta, ma staqsitx lill-attur u lis-surġent Agius biex jidentifikaw il-post eżatt fejn il-vettura ħabtet mal-ħajt.

19. Pero' jibqa' l-fatt li s-surġent Agius xehed:

> *"Wara li telqet il-vettura bit-tow truck jien ħadt ritratti tal-art u tal-ħajt fejn kienet maħbuta u* ***ikkonkludejt illi kien hemm tyre marks, swerjatura lejn il-ħajt fejn sar l-impatt****. Minn dan ikkonkludejt li saret manuvra biex tiġi evitata xi ħaġa.....*
>
> *Meta eżaminajt il-lokalita tal-inċident wasal għall-konklużjoni li l-vettura, wara li daħlet fil-ħajt, imxiet titħaxken mal-istess ħajt għal distanza ta' ċirka żewġ vetturi".*

20. Kliem li jagħtu kredibbilta' lil verżjoni tal-attur li l-ħabta ġrat. Għall-qorti hu ovvju wkoll li ssejjaħ *tow truck* peress li l-vettura ma setgħetx tinstaq minħabba l-ħsarat li ġarrbet. Is-surġent Agius ikkonferma li fuq il-post kien wasal tow trukk li neħħa l-vettura mill-post.

21. Argument ieħor kien li **hemm żebgħa oranċjo mal-fanal tal-vettura tal-attur filwaqt li mal-ħajt ma kienx hemm kulur**. Pero' ma qalx kif sar jaf li l-post fejn seħħ l-inċident hu l-post li rrefera għalih meta xehed. Fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2015 xehed: *"Il-ħajt fejn allegatament sar l-inċident għandu crash barrier żgħir qabel ma tiġi għalih"*. Fir-ritratti li ppreżenta s-surġent tal-

pulizija ma jidhirx *crash barrier*. It-Tribunal ġustament osserva wkoll kif il-konvenuta kellha kull opportunita' sabiex tagħmel domandi lill-attur dwar il-kulur oranċjo fuq il-fanal.

22. Il-konvenuta qalet ukoll li **kieku seħħ l-inċident bil-mod li rrakkonta l-attur, l-*airbag* tal-passiġġier ma kinitx tkun *deployed*** għaliex fil-ħin tal-allegat inċident fil-vettura ma kienx hemm passiġġier. Il-konvenuta għamlet riferenza għad-deposizzjoni ta' Dione Spiteri, *service manager* ma' *Muscat Motors Limited*, li spjega: *"Jekk ma jkunx hemm xi ħadd bilqegħda fuq is-seat tal-passiġġier, f'każ ta' inċident, l-airbag tax-xellug ma tinfetaħx"* (seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015). Iżda x-xhud ma qalx kif jaf dak il-fatt. L-aħjar prova kienet ċertament tkun estratt mill-*manual* ta' dak il-mudell ta' BMW li jikkonferma li *airbag* tal-passiġġier ma jiftaħx jekk ma jkunx hemm passiġġier bilqegħda. Għaldaqstant, il-qorti taqbel mar-raġunament tat-Tribunal.

23. Il-konvenuta argumentat li waħda mill-iktar provi importanti u oġġettivi li wrew l-attur ma qalx is-sewwa, kien *"**<u>.... kilometraġġ addizjonali li ġie reġistrat wara dan l-allegat inċident</u>**, fejn saħansitra ġew arrekati ħsarat li assolutament m'għandhomx x'jaqsmu mal-inċident in deżamina ..... Di fatti, il-ħsara li kien hemm fl-airbags u crash activator tal-airbag kienu jirriżultaw 19-il kilometru qabel l-aħħar qari tal-kilometraġġ tal-vettura"*. Kompliet li rriżulta li r-rapport tat-test li sar mill-aġent tal-vetturi BMW wera kif 8 kilometri wara l-ħsara fl-*airbags* u *crash activator*, kien hemm fault ieħor fil-*headlamp*. Hu fatt li wara l-inċident irriżulta li l-vettura imxiet għal-19 il-kilometru. Il-konventua ssostni li din hi prova li l-inċident seħħ band'oħra. Pero' t-Tribunal ikkonkluda li:-

i. Irriżulta li meta l-vettura tkun irmonkata, *"... ladarba għaddejja fuq ir-roti ta' wara, allura l-arloġġ jimmarka"*. Il-konvenuta ma qalet xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li ma saritx dik il-prova.

ii. Id-distanza minn fejn seħħ l-inċident sa fejn twasslet il-vettura hu ta' 12 il-kilometru. Għalkemm hemm diskrepanza ta' 7 kilometri oħra bejn ir-

reading fl-*odometer* tal-vettura fil-mument li fih jidher li seħħ l-inċident u l-aħħar *reading* (ara Dok. PB8), l-Arbitru ikkonkluda li *"... tali diskrepanza ma tistax twassal lill-arbitru li jiddubita illi l-kollizzjoni ġrat u li ġrat bil-konsegwenzi li qed jiġu reklamati"*. Il-vettura kienet irmonkata mill-post tal-inċident sa Triq l-Imnarja fil-Buskett. Għalkemm kien fin-nota ta' sottomissjonijiet (ara paragrafu 42) li l-konvenuta qalet li t-tlett rotot alternattivi ma jissuperawx iktar minn tnax-il kilometru, jibqa' fatt li t-tul tal-vjaġġ kien prinċipalment jiddependi mit-toroq li x-xufier tat-tow trukk għadda minnhom dakinhar sabiex wasal fil-post fejn ittieħdet il-vettura. Prova li baqgħet ma saritx.

24. F'paragrafu 28 tar-rikors tal-appell, il-konvenuta għamlet riferenza għal dik il-parti tad-deposizzjoni ta' Dione Spiteri meta qal, *"xi ħadd prova jirrisettja il-faults li kien hemm"*. Għall-qorti x-xhud naqas milli jispjega ruħu b'mod li jinftiehem minn min irid jiddeċiedi l-kawza. Inoltre, qal ukoll, *"Is-sistema tkun irrekordjat il-mileage, pero' jien sa hemm kapaċi ngħid u m'inhix kapaċi nagħti interpretazzjoni tal-istess qari"*. Hu veru wkoll li l-istess xhud qal li skont ir-rapport tal-vettura (Dok. PB8), wara li l-vettura kellha 320384 kilometru kien hemm il-ħsarat ġodda li semma.[1] Madankollu, wieħed irid jiftakar ukoll li l-vettura iċċaqalqet minn postha sabiex ittieħdet f'garaxx fi Triq Imnarja, Buskett.

25. Fl-istess paragrafu tar-rikors tal-appell il-konvenuta semmiet diversi ċirkostanzi, li rreferiet għalihom bħala stramberiji u li fil-fehma tagħha jsaħħu t-teżi tagħha. Ċirkostanzi li fil-fehma tal-qorti waħedhom mhumiex biżżejjed sabiex iwasslu lil min irid jiddeċiedi li probabbilment dan il-każ kien *a fraudulent insurance claim*.

26. L-aggravju l-ieħor hu dwar is-somma ta' €19,500 li t-Tribunal tal-Arbitraġġ ikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur. Il-parti rilevanti tad-deċiżjoni tgħid hekk:-

---

[1] Seduta tal-14 ta' Ottubru, 2015.

*Ir-rikorrenti, fil-proceduri inkorsi minnu, talab il-hlas tas-somma ta' €19,500. Meta xehed spjega ghala irriduca it-talba tieghu mill-ammont assigurat. Ir-rikorrenti talab ukoll li is-socjeta intimata tigi ikkundannata thallas ukoll l-imghax.*

*Is-socjeta intimata ma sabet xejn x'ticcensura fl-ammont reklamat mir-rikorrenti. La fil-kors tal-gbir tal-provi u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ma hemm xejn f'dan ir-rigward. L-arbitru jhoss li l-istess ammont jirrapresenta il-prezz fattwali tal-vettura, meta inxtrat u dan abbazi tad-dokument "E" li jgib id-data tal-14 ta' Mejju 2013 kif debitament ikkonfermat ukoll bil-gurament.*

*Il-proceduri gew istitwiti fil-05 ta' Settembru 2013 u dawn il-proceduri ma damux b'tortijiet tar-rikorrenti. Lanqas ma damu b'xi tort tal-arbitru. Kien hemm bzonn certu tul ta' zmien biex setghux jinzammu is-seduti kollha.*

*L-arbitru jaccetta li l-ammont likwidabbli favur ir-rikorrenti ghandu jkun dak reklamat u cioe is-somma ta' €19,500.*

*Fic-cirkostanzi ghalhekk isegwi illi ghandhom ukoll jiddekorru l-imghax legali mid-data tal-presentata tal-proceduri sad-data tal-effettiv pagament.*

27. F'dan l-aggravju l-konvenuta ilmentat li s-somma ta' €19,500 hi eċċessiva u f'kull każ l-Arbitru ma kkunsidrax il-*pre-accident value*. Sabiex il-qorti tkun tista' tikkunsidra dan l-aggravju, bilfors trid tagħmel apprezzament tal-fatti. Il-qorti diġa' osservat li f'dan il-każ il-partijiet ma kellhom dritt jappellaw fuq punti ta' fatt. L-ilment tal-konvenuta huma punti ta' fatt u mhux ta' liġi li ddeċieda dwarhom it-Tribunal jew li ntalab li jiddeċiedi dwarhom. F'dan l-aggravju ukoll mhemmx ir-rekwiżiti kontemplati fl-Artikolu 70A u 70B tal-Kap. 387. Fl-aggravju l-konvenuta ma identifikat l-ebda punt ta' liġi u t-tifsira korretta li għandha tingħata.

28. F'kull każ it-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni fuq il-prezz li bih l-attur xtara l-vettura. Hu veru li s-*surveyor* Peter Bonnici qal li fil-fehma tiegħu il-vettura għandha valur ta' £9,000. Pero' dik hi stima bażata fuq is-suq Ingliż u mhux Malti. L-attur xtara l-vettura f'Malta u għalhekk l-istima kellha tkun ta' vettura BMW 530D li tinxtara lokalment. Hu magħruf li fl-Ingilterra il-valur ta' vetturi *second hand* huma ferm iktar vantaġġużi minn dawk f'Malta. Tant hu hekk li hawn ħafna Maltin li jixtru vetturi kummerċjali u ċertu vetturi privati mis-suq Ingliż. Dan apparti li ftit jiem qabel il-konvenuta kienet assigurata il-vettura fuq valur ta' seba' u għoxrin elf ewro (€27,000) meta kellha kull opportunita', kieku riedet,

li tagħmel il-verifiki tagħha iktar u iktar meta kienet taf li l-vettura kienet oriġinarjament inġabet Malta bħala *second hand* mis-suq Ingliż.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta.**

Anthony Ellul.